

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-6 ta' April 2017 – Pénzügyi Ismeretterjesztő és Érdek-képviseleti Egyesület (PITEE) vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-464/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Talba għal aċċess għal dokumenti tal-Kummissjoni — Rifjut — Rikors għal annullament — Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea — Rappreżentanza quddiem il-qrati tal-Unjoni — Avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz fir-rigward tal-appellanti — Inammissibbiltà manifesta tar-rikors — Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)

(2017/C 195/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Pénzügyi Ismeretterjesztő és Érdek-képviseleti Egyesület (PITEE) (rappreżentant: D. Lazar, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Krämer u F. Erlbacher, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Pénzügyi Ismeretterjesztő és Érdek-képviseleti Egyesület (PITEE) hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 402, 31.10.2016.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-2 ta' Marzu 2017 – Anikó Pint vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-625/16 P) ⁽¹⁾

(Appell — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti li jirriżultaw mill-Gvern Ungeriż dwar il-proċedura EU Pilot n° 8572/15 [CHAP(2015)00353 et 6874/14/JUST] dwar allegat ksur mill-Ungerija tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Talba ta' komunikazzjoni ta' dokumenti — Assenza ta' risposta tal-Kummissjoni Ewropea)

(2017/C 195/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Anikó Pint (rappreżentant: D. Lazar, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Anikó Pint għandha tbatli l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 112, 10.04.2017